

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014 – Il-Greċja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-150/12) <sup>(1)</sup>

**(“Għajjuna mill-Istat — Self mingħajr interessi, flimkien ma’ garanzija mill-Istat, mogħti mill-awtoritajiet Elleniċi lil assoċjazzjonijiet ta’ kooperattivi agrikoli tas-settur taċ-ċereali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjuna inkompatibbli mas-suq intern — Obbligu ta’ motivazzjoni — Vantaġġ — Għajjuna intiża biex tirmedja disturbi gravi fl-ekonomija ta’ Stat Membru”)**

(2014/C 175/48)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: I. Chalkias, X. Basakou u A. Vasilopoulou, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn S. Thomas u D. Triantafyllou, sussegwentement minn M. Triantafyllou u P. Němečkova, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/320/UE, tal-25 ta' Jannar 2012, dwar l-għajjuna mogħtija mill-Greċja lill-bdiewa li jipproduċu ċ-ċereali u lill-kooperattivi tal-għbir taċ-ċereali (ĠU L 164, p. 10)

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 184, 23.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014 – El du Pont de Nemours vs UASI – Zueco Ruiz (ZYTeL)**(Kawża T-288/12) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva ZYTeL — Trade mark Komunitarja verbali preċ edenti u trade mark magħrufa fis-sens tal-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi, ZYTEL — Raġunijiet relattivi għal riffut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009 — Dannu lill-karattru distintiv jew lir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru°207/2009”]**

(2014/C 175/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: El du Pont de Nemours and Company (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Enrique Zueco Ruiz (Zaragoza, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Marzu 2012 (Każ R 464/2011-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn El du Pont de Nemours and Company u E. Zueco Ruiz.